

Brussell, 15 ta' Jannar 2015
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0079 (NLE)

5263/15
ADD 1

PECHE 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea - <i>adozzjoni</i>

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Permezz tas-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2014 rigward il-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/19/UE tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar id-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet relatati mal-konklużjoni ta' ftehimiet dwar sajd estern jaqgħu kompletament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni) u rrifjutat il-pożizzjoni li deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Għalhekk, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd mas-Seychelles fir-rigward tal-ilmijiet madwar il-Majott, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)a u (7) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(6)a u (7) TFUE.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jinnota li d-definizzjoni ta' 'ilmijiet tal-UE' fl-Artikolu 2(d) tal-ftehim propost mhijiex ċara, u hija inkonsistenti mad-definizzjoni ta' 'ilmijiet tal-Unjoni' fl-Artikolu 4.1(1) tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS (1380/2013). Din l-aħħar definizzjoni ma tagħmel l-ebda referenza għal ilmijiet "taħt il-ġurisdizzjoni tal-UE", iżda tagħmilha ċara li l-ilmijiet tal-Unjoni huma daww "taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri". Mhijiex l-UE, iżda huma l-Istati Membri li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni skont l-UNCLOS. Ir-Renju Unit jinnota li l-Ftehim propost ma jistax ibiddel id-diviżjoni ta' kompetenza bejn l-UE u l-Istati Membri. Id-definizzjoni ta' 'ilmijiet tal-UE' fil-Ftehim propost għandha tkun konsistenti mad-definizzjoni ta' 'ilmijiet tal-Unjoni' fir-Regolament Bażiku dwar il-PKS.